MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 93/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Borg Janie**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenuta ghandha tigi ikkundannata thallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ tlett mija u sittin lira Maltin u zewg centezmi (Lm360.02) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefone bin-numru 21565059 (Acc. No. 40004282), liema servizz gie installat fl-istabbiliment “Cosy Café” Triq Gorg Borg Olivier, Victoria, Ghawdex.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali Nru 405/05 mibghuta fit-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena 2005, tal-prezenti procedura, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni."

Ha konjizzjoni tal-provi emergenti mill-atti processwali

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta' attrici ppruvat sodisfacentement il-kreditu minnha pretiz permezz tad-deposizzjoni tal-ufficcjal taghha Joseph Azzopardi li pprezenta prospett iddettaljat tat-telefonati kollha mertu tal-avviz tat-talba.

Min-naha l-ohra, ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta la pprrezentat risposta ghall-avviz tat-talba u l-anqas dehret ghad-diversi seduti mizmuma minn dan it-Tribunal

Ghaldaqstant it-Tribuna jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM360.02c ammont dovut in konessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 2156059 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13.06.2005 kif ukoll dawk tal-prezenti procedura inkluz VAT fuq id-dritt professjonali tal-avukat patrocinatur tas-socjeta attrici u trattandosi ta' servizz moghti ghal attivita kummercjali bl-imghax legali li jibda jiddekorri mid-dati tal-iskadenzi tal-hlasijiet u jibqa' jiddekorri sad-data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------